## QORTI ĊIVILI

## PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 2 TA' MARZU 2020**

**Rik. Nru. 15/20 RGM**

**Rikors Revoka preżentat minn Alexander Fenech et. fit-8 ta' Jannar 2020 fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 829/2019 fl-ismijiet:**

**Carmelo sive Karmenu Scicluna**

**Vs**

**Alexander Fenech u Analise Fenech Ancilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Alexander Fenech et preżentat fit-8 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija talab lill-Qorti (1) tiddikjara illi teżisti garanzija xierqa li tissodisfa l-pretensjonijiet tas-sekwestranti u dan ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kap. 12; (2) tordna r-revoka tal-mandat de quo; u (3) alternattivament torbot lis-sekwestranti bl-għoti ta' garanzija xierqa għal ħlas ta' penali, danni u imgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-sekwestranti Carmelo Scicluna preżentata fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2020;

Semgħat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-istess udjenza;

Rat l-atti;

Rat illi r-rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Ikkunsidrat

Fil-21 ta' Ġunju 2019 is-sekwestrant Carmelo sive Karmenu Scicluna talab lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kontro Alexander Fenech u Analise Fenech Ancilleri għall-kreditu ta' mija u sittin elf Ewro (€160,000) bħala bilanċ allegatament dovut mis-sekwestrati in segwitu ta' trasferiment tal-ishma tas-soċjeta' Nanna Ignis Limited li seħħ fl-14 ta' Diċembru 2017 u dan skont il-Memorandum ta' Ftehim iffirmat minn Scicluna u mis-sekwestrati fit-12 ta' Diċembru 2017. B'digriet tal-istess ġurnata din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba.

Ir-rikors in eżami sar fit-termini ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 li jagħti l-fakultà lil kull min jinħareġ kontra tiegħu mandat kawtelatorju, jitlob lill-Qorti l-ħruġ ta' l-opportun kontro-mandat f'ċerti ċirkostanzi determinati. F'dan il-każ il-mandat kawtelatorju kien wieħed ta' sekwestru. Bir-rikors in eżami s-sekwestrati qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka l-imsemmi mandat ai termini tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 u dan skont is-sekwestrati għaliex hemm garanzija adegwata alternativa li tista' tieħu post is-sekwestru kawtelatorju de quo.

Fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap. 122 filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja

dwar il-mertu ta' bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-provvediment finali mogħti fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et**[1] :

> "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[2]

Il-Qorti hija gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. [3]

Iil-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tiegħu ntlaqgħa l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi li s-sekwestrat jista' jibbaża l-azzjoni tiegħu sabiex jitneħħa l-mandat, fost dawn wieħed isib bdil ta' ċirkostanzi kif ukoll l-għoti ta' garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat. Il-leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi jekk il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ, dan ikun jista' jitneħħa permezz ta' kontro-mandat.

Min-naħa l-oħra jekk s-sekwestrat ikun irid jikkontesta il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju għal xi raġuni li ma taqax taħt dak li jipprovdi l-Artikolu 836 allura huwa għandu jistitwixxi azzjoni b'rikors ġuramentat u li mis-sentenza in segwietu għal dak ir-rikors jista' jsir appell. Fis-sentenza **Howard Stanley Kreiss vs. Patrick Zrinzo**[4] din il-Qorti diversament preseduta dehrilha xieraq qabel kull haġa oħra, li tistħarreġ kwestjoni proċedurali ta' siwi ewlieni stante li s-siwi ta` att

[1] Riors nru 286/2001RCP - 10 ta' Mejju 2001

[2] Ara wkoll.: **C&F Building Contractors Limited vs. Emanuel Farrugia** (Rik Rev Nru 545/14 JRM) degretat fil-25 t'Awwissu 2014.

[3] **Technobroadcast Srl vs. Mediterranean Broadcasting Limited** mogħti fil-5 ta' Ġunju 2007.

[4] Rik. Nru 458/2009 JRM degretat fit-3 t'Awwissu 2009.

ġudizzjarju huwa wieħed ta' ordni pubbliku u jista' jitqanqal minn qorti wkoll ex ufficio. Fost oħrajn ingħad

Illi m`hemm l-ebda dubju li d-deċiżjoni ta` Qorti li tilqa` jew tiċħad talba għall-ħruġ ta` Mandat kawtelatorju hija degriet u mhux sentenza.

[...]

Illi l-proċedura biex wieħed jattakka jew jibdel degriet li jkun laqa` talba għall-ħruġ ta` Mandat m`hijiex waħda li bdiet tintuża issa jew f`dawn l-aħħar snin: hemm sensiela ta` każijiet fejn il-Qrati tagħna qiesu talbiet bħal dawn u, partikolarment, l-għamla ta` proċedura meħtieġa. Kemm hu hekk, tqies li digriet li bih Qorti tkun laqgħet talba għall-ħruġ ta` Mandat kawtelatorju m`huwiex la wieħed definittiv u lanqas wieħed interlokutorju, ukoll jekk jingħata wara li l-Qorti tkun semgħet lill-partijiet (Ara App. Civ. 10.8.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Baldacchino et vs Bellizzi** (Kollez. Vol: XXXVII.i.519) ). Degriet bhal dak ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas jorbot lill-ġudikant, u lanqas ma huwa parti inċidentali tal-ġudizzju, imma jagħmel biss parti mill-atti tal-Mandat relattiv, u mhux parti mill-atti tal-kawża, imma jeżawrixxi ruħu bil-ħruġ tiegħu;

[...]

Illi għalhekk, f`każijiet fejn ma japplikawx l-estremi tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 (bħal f`dan il-każ, għaliex l-artikolu 836(5) jgħodd biss f`ċirkostanzi fejn it-talba għat-tħassir ta` Mandat tkun intlaqgħet), it-tifsira li jidher li għandha tingħata għal min irid jattakka digriet li bih jinħareġ Mandat kawtelatorju hi li dan għandu jressaq talba permezz ta` Rikors Maħluf (App. Civ. 8.5.2003 fil-kawza fl-ismijiet **Josef Gatt vs Marisa Gatt**). Billi l-proċedura speċjali sommarja mfissra fl-imsemmi artikolu 836 tapplika biss għaċ-ċirkostanzi speċifiċi hemm imsemmija, ma jistax jingħad li din warrbet rimedju li kien jeżisti qabel għat-talba ta` tħassir ta` degriet bħal dak għal raġunijiet li ma ġewx inkorporati f`dik il-proċedura sommarja;"

Dan qiegħed jingħad sabiex ikun preċiżat l-irwol ta' din il-Qorti f'din il-proċedura. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex waqt it-trattazzjoni finali ir-rikorrenti sekwestrati taw l-impressjoni li din il-Qorti għandha tagħmel eżami mill-ġdid tar-raġunijiet li waslu għall-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju de quo.

Ikkunsidrat

Is-sekwestrati isejsu t-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat fuq l-**Artikolu 836 (1) (ċ) tal-Kapitolu 12**. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> [...]
> (ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;
> [...]

Ikkunsidrat

Sabiex tintlaqa' t-talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju taħt l-Artikolu 836(1)(ċ), is-sekwestrati għandhom juru li hemm garanzija xierqa oħra li tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju. Għalhekk il-pern ta' dan is-sub-inċiżi huwa l-kliem 'xierqa' u 'biżżejjed'. B'din l-għażla ta' kliem il-leġislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat.

Ingħad fil-fatt li "biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor"[5]. Min-naħa l-oħra sabiex jingħad li l-garanzija tassigura biżżejjed il-pretensjoni, fil-każ odjern, dik il-garanzija għandha tkopri l-ammont ta' danni li qiegħed jippretenti s-sekwestrant.

Il-garanzija li qegħdin jipproponu s-sekwestrati hija proprjetà immobbli ġewwa Tal-Ħandaq fuq liema hemm ipoteka speċjali a favur s-sekwestrant bħala garanzija għat-twettiq tal-obbligi tas-sekwestrati skont il-ftehim ta' bejgħ u xiri tal-ishma ta' Nanna Ignis Limited. Din l-istess proprjetà hija soġġetta għal ipoteka speċjali oħra favur wieħed mill-banek lokali għas-somma ta' mitt elf ewro (€100,000). Sabiex jippruvaw li l-garanzija hija waħda adegwata, s-sekwestrati ppreżentaw rapport tal-Perit George Farrugia tal-valur fis-suq tal-imsemmija proprjetà u jissottomettu li din il-proprjetà tkopri tajjeb kemm il-pretensjonijiet tas-sekwestrant kif ukoll tal-ipoteka speċjali mogħtija lil Bank of Valletta.

Din il-Qorti però hija tal-fehma li m'għandhiex tillimita l-istħarriġ tagħha għall-valutazzjoni tal-proprjetà, anke jekk assodata b'stimi peritali bħal ma hu l-każ odjern, imma trid tqis ukoll il-*credit status* tad-debituri, speċjalment għal dak li jikkonċerna krediti privileġġjati jew ipotekarji fuq l-istess proprjetà, li jistgħu jqiegħdu lill-kreditur sekwestrant fil-periklu illi ma jirkuprax il-kreditu tiegħu fl-eventwalità illi dan il-kreditu jiġi kanonizzat b'sentenza definittiva.

Jiġi osservat illi ma tressqet l-ebda prova ċara u inewkivoka li l-fond 5, Maestro Giuseppi Camilleri Street, Ħandaq limiti ta' Ħal Qormi, hija libera minn garanziji ohra. Huwa minnu li l-legali ta' Alexander Fenech u Analise Fenech Ancilleri ddikjara li dawk il-garanziji li semma huma l-uniċi garanziji marbuta ma' din il-

[5] **Mary Rose Carbonaro vs. Jesmond Carbonaro** (Rik Rev Nru 139/2014 JRM) degretat fis-6 t'Awwissu 2014. Ara wkoll **John Zarb vs. Port Cottonera Ltd** (Ċit Nru 883/2002 TM) mogħti fit-19 ta' Settembru 2002**.**

proprjetà. L-oneru tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretenzjonijiet tas-sekwestrant jaqa' kompletament f'idejn s-sekwestrat.[6] Wara kollox kif ingħad fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Ranger Company Ltd vs. Euro Imports Ltd**[7] "*tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant"*. Fil-każ odjern, sabiex jissoddisfaw l-oneru tal-aħjar prova, kien jinkombi fuq ir-rikorrenti sekwestrati li jippreżentaw ir-riċerki pubbliċi aġġornati.. Ma jistax jingħad li s-sekwestrati ma kellhomx żmien biżżejjed sabiex jordnaw jew jaġġornaw tali riċerki fil-passiv tagħhom tenut kont li r-rikors revoka ġie intavolat fit-8 ta' Jannar 2020 u s-smiegħ kellu jiġi differit tlett darbiet minħabba in-nuqqas ta' notifika tal-intimat. Inoltre l-mandat mertu tar-rikors revoka odjern ilu maħruġ mill-21 ta' Ġunju 2019; altru milli r-rikorrenti sekwestrati kellhom żmien adegwat sabiex jottjenu u jippreżentaw riċerki tal-passiv tagħhom aġġornat.

Il-Qorti tqis għalhekk illi r-rikorrenti sekwestrati ma seħħilhomx iresqu provi suffiċjenti illi teżisti garanzija adegwata oħra fit-termini tal-liġi. Għal dawn ir-raġunijiet l-Qorti qed tiddeċiedi illi l-garanzija alternattiva proposta mis-sekwestrati m'hijiex waħda xierqa kif jitlob l-Artikolu 836 (1) (ċ) tal-Kapitolu 12.

**Artikolu 838A tal-Kapitolu 12**

Is-sekwestrati bis-saħħa ta' dan ir-rikors in eżami qegħdin jitolbu, b'mod alternattiv għall-ewwel talba tagħhom, garanzija għal ħlas ta' penali, danni u imgħaxijiet ai termini tal-Artikolu 838A li jaqra:

> Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.

[6] Ara **Dr. Tonio Fenech noe vs. Dr. Patrick Spiteri pro et noe et** (Ċit Nru 746/2001 GC) degretat fit-3 t'Awwissu 2001.
[7] Ċit Nru 1366/2002 TM degretat fl-20 ta' Frar 2003.

Il-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti sekwestranti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti tali ordni.

Issir referenza għad-digriet mogħti mill-Prim' Awla fl-ismijiet **Charles Darmanin et vs. Albert Cachia et** (Rik. Nru 267/2007 JRM) fil-31 ta' Lulju 2007:

> "Illi hawnhekk irid jingħad li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;
>
> Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."

Fil-provvediment illi din il-Qorti diversament preseduta tat fis-6 ta` Frar 2014 fir-Rikors Nru 1221/2013LSO fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited et vs. Roc A Go Crane Services Limited et** ingħad "*Illi dan huwa konformi ma` dak li gie stabbilit fid-decizjoni "Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited" (P.A. (RCP) – 20 ta` Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni "Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et" (P.A. – 30 ta` Gunju 2000) fejn inghad:- "Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-*

*garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta*."

Ingħad ukoll fis-sentenza **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**[8] li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni.

Permezz tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 il-Leġislatur ried joħloq bilanċ bejn id-dritt tal-allegat kreditur li jikkawtela adegwatament il-pretensjoni tiegħu u d-dritt tal-allegat debitur sabiex jigi kawtelat il-pretensjoni futura tiegħu għad-danni, penali u imgħax f'każ li l'quddiem jirriżulta li l-mandat inħareġ fuq talba malizzjuża u qarrieqa.  Fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha billi titlob il-ħruġ ta'Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, ma jitnisslux awtomatikament raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni u wisq aktar imgħaxijiet minħabba l-istess Mandat.

Din il-Qorti tqis li s-sekwestrati naqsu milli adegwatament jissotanzjaw it-talba tagħhom sabiex il-Qorti tordna lis-sekwestranti sabiex jagħtu garanzija taħt l-Artikolu 838A. Dak li hu fiż-żgur iżda huwa li bir-rikors odjern, s-sekwestrati ma ressqux imqar *prima facie*, raġuni ta' frivoložità jew malizzjožità. Għal din ir-raġuni fil-fehma tal-Qorti ma intweriex prima facie li l-mandat inħareġ abbużivament jew li huwa eċċessiv.  Tqis għalhekk illi s-sekwestrant aġixxa korrettement sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu u ma jidhirx li qiegħed isir abbuż f'dan l-istadju mill-istess proċedura.

Għaldaqstant, it-tielet talba tas-sekwestrati qiegħda tiġi wkoll respinta.

[8] Rik. Nru 2049/2000GC degretat fit-2 ta' Marzu 2001.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-rikors tas-sekwestrati Alexander Fenech u Analise Fenech Ancilleri tat-8 ta' Jannar 20202 billi tiċħad l-istess.

Bl-ispejjeż ta' dan il-Provvediment kontra l-istess rikorrenti..

**Mogħti kameralment illum it-2 ta' Marzu 2020.**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**